



Kumitat għall-Baġits

2023/0201(APP)

15.2.2024

EMENDI

1 - 27

Abbozz ta' rapport

Korapporteurs: Jan Olbrycht, Margarida Marques

(PE759.062v01-00)

li fih mozzjoni għal rizzoluzzjoni mhux leġislattiva dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (COM0000/2024 – C9-0000 – 2023/0201(APP))

Amendment 1
Rasmus Andresen
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1a. Jisħaq li l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda l-QFP huwa parti minn pakkett ta' leġiżlazzjoni u li l-adozzjoni tiegħu se tippermetti li jiġi pprovdut appoġġ rapidu lill-Ukrajna, u tiżgura li jistgħu jiġu introdotti diġà żidiet fil-baġit tal-2024 permezz ta' baġit emendatorju u għas-snin li jifdal tal-perjodu tal-QFP; jissottolinja li r-reviżjoni tal-QFP tirrappreżenta titjib ċar fl-istatus quo, għalkemm xi aspetti li jinsabu fl-abbozz tar-regolament tal-Kunsill mhumiex ottimali, u jħallu l-baġit tal-UE taħt pressjoni, b'marġini u flessibilità limitati, bi tnaqqis għall-programmi ewlenin u b'ambizzjoni mnaqqsa f'oqsma ta' politika importanti orjentati lejn il-futur, bħas-sovranià;

Or. en

Amendment 2
Rasmus Andresen
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3. Jisħaq li l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda l-QFP huwa parti minn pakkett ta' leġiżlazzjoni u li l-adozzjoni tiegħu se tippermetti li jiġi pprovdut appoġġ malajr lill-Ukrajna, u tiżgura li jistgħu jiġu introdotti diġà żidiet fil-baġit tal-2024 permezz ta' baġit emendatorju u għas-snin li jifdal tal-perjodu tal-QFP; jissottolinja li r-reviżjoni tal-QFP tirrappreżenta titjib ċar fl-istatus quo, għalkemm xi aspetti li jinsabu fl-abbozz tar-regolament tal-Kunsill mhumiex ottimali, b'riżultat li l-baġit tal-UE jispiċċa taħt pressjoni,

imħassar

b'marġini u flessibilità limitati, bi tnaqqis għall-programmi ewlenin u b'ambizzjoni mnaqsa f'oqsma ta' politika importanti orjentati lejn il-futur, bħas-sovranià;

Or. en

Emenda 3
Valentino Grant, Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi, jiġi razzjonalizzat l-infiq u jissaħħu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fl-infiq tal-UE biex jiġi żgurat użu effiċjenti u responsabbli tal-flus tal-kontribwent biex jiġu ffinanzjati l-prijoritajiet u sfidi ġodda;

Or. en

Emenda 4
Rasmus Andresen
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

4. Ifakkar li l-Parlament ħadem malajr u b'mod kostruttiv *mill-bidu* biex jippermetti adozzjoni malajr tal-pakkett tal-QFP; *jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-proċess kien ikkaratterizzat minn diffikultajiet politiċi fost l-Istati Membri, li wasslu għal dewmien mhux mixtieq fil-Kunsill; huwa jinsab iddiżappuntat li l-Kunsill u l-Kummissjoni ma applikawx id-dispożizzjonijiet tat-Trattati u tal-FII biex jippermettu impenn xieraq aktar kmieni fil-proċess; jisħaq li, fil-futur, trid tiġi stabbilita kooperazzjoni fil-bidu ta'*

4. Ifakkar li l-Parlament ħadem malajr u b'mod kostruttiv biex jippermetti adozzjoni malajr tal-pakkett tal-QFP, *minkejja dewmien fil-Kunsill ikkawżat mir-rikatt ta' Orbán li wassal għall-iskadenzi prammatiċi estremament stretti imposti mill-ftehim tardiv; jütlob li l-bidliet introdotti f'din ir-reviżjoni jiġu implimentati mingħajr aktar dewmien, b'mod partikolari biex jiġi żgurat il-pagament f'waqtu tal-appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna, fid-dawl tal-urġenza tal-*

kwalunkwe proċedura ta' reviżjoni;

bżonnijiet;

Or. en

Emenda 5
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. ***Jilqa'*** l-pakkett ta' finanzjament ta' EUR 50 biljun għall-Ukrajna għall-perjodu 2024-2027, li jgħaqqad għotjiet (EUR 17-il biljun) ma' self b'termini favorevoli ħafna (EUR 33 biljun) u li huwa ankrat fil-baġit tal-UE; jenfasizza li l-emenda tar-regolament QFP li ***l-Parlament*** huwa mistieden ***japprova*** hija prerekwiżit biex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna;

Emenda

6. ***Jieħu nota tal-pakkett*** ta' finanzjament ta' EUR 50 biljun għall-Ukrajna għall-perjodu 2024-2027, li jgħaqqad għotjiet (EUR 17-il biljun) ma' self b'termini favorevoli ħafna (EUR 33 biljun) u li huwa ankrat fil-baġit tal-UE; jenfasizza li l-emenda tar-regolament QFP li ***l-Parlament*** huwa mistieden ***japprova*** hija prerekwiżit biex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna; ***ifakkar li s-self u l-AMF+ kollha huma ggarantiti mill-baġit tal-UE b'mod li jekk l-Ukrajna tfalli, dawn se jitħallsu kompletament mill-kontribwenti tal-Istati Membri;***

Or. en

Emenda 6
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. ***Jilqa'*** l-pakkett ta' finanzjament ta' EUR 50 biljun għall-Ukrajna għall-perjodu 2024-2027, ***li jgħaqqad għotjiet (EUR 17-il biljun) ma' self b'termini favorevoli ħafna (EUR 33 biljun) u li huwa ankrat fil-baġit tal-UE; jenfasizza li l-emenda tar-regolament QFP li l-Parlament huwa mistieden japprova*** hija prerekwiżit biex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju lill-

Emenda

6. ***Jieħu nota tal-pakkett*** ta' finanzjament ta' EUR 50 biljun għall-Ukrajna għall-perjodu 2024-2027 ***ta' self b'termini favorevoli ħafna (EUR 33 biljun) u li huwa ankrat fil-baġit tal-UE; jenfasizza li l-emenda tar-regolament QFP li l-Parlament huwa mistieden japprova*** hija prerekwiżit biex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna;

Emenda 7
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

7. Jissottolinja li din is-soluzzjoni strutturali fuq terminu medju tagħti ċertezza lill-poplu tal-Ukrajna, filwaqt li tippermetti lill-gvern iżomm servizzi essenzjali u jgħin lill-pajjiż fit-triq tiegħu lejn ir-rikostruzzjoni, l-irkupru ***u s-sħubija mal-UE***; iqis ukoll li l-pakkett ta' finanzjament ***huwa simbolu vitali tal-impenn fit-tul tal-Unjoni fil-konfront tal-Ukrajna u tal-poplu tagħha, u*** jibgħat sinjal importanti ta' dak l-impenn kemm lil donaturi ewlenin oħra kif ukoll lill-Federazzjoni Russa; jimpenja ruħu li jimmonitorja l-ħtiġijiet futuri ta' finanzjament tal-Ukrajna, filwaqt li jqis l-iżviluppi internazzjonali;

Emenda

7. Jissottolinja li din is-soluzzjoni strutturali fuq terminu medju tagħti ċertezza lill-poplu tal-Ukrajna, filwaqt li tippermetti lill-gvern iżomm servizzi essenzjali u jgħin lill-pajjiż fit-triq tiegħu lejn ir-rikostruzzjoni ***u*** l-irkupru; iqis ukoll li l-pakkett ta' finanzjament u jibgħat sinjal importanti ta' dak l-impenn kemm lil donaturi ewlenin oħra kif ukoll lill-Federazzjoni Russa; jimpenja ruħu li jimmonitorja l-ħtiġijiet futuri ta' finanzjament tal-Ukrajna, filwaqt li jqis l-iżviluppi internazzjonali;

Emenda 8
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

9. Jilqa' l-fatt li EUR 3,1 biljun addizzjonali fi flus ġodda se jiġu pprovduti għall-Intestatura 6 (il-viċinat u d-dinja), flimkien ma' EUR 4,5 biljun oħra f'fondi diżimpenjati u ridistribwiti, li għandhom jerġgħu jintużaw fl-intestatura, għal total ta' EUR 7,6 biljun ippjanati li jintefqu fuq appoġġ ***għal miżuri*** ta' migrazzjoni u

Emenda

9. Jilqa' l-fatt li EUR 3,1 biljun addizzjonali fi flus ġodda se jiġu pprovduti għall-Intestatura 6 (il-viċinat u d-dinja), flimkien ma' EUR 4,5 biljun oħra f'fondi diżimpenjati u ridistribwiti, li għandhom jerġgħu jintużaw fl-intestatura, għal total ta' EUR 7,6 biljun ippjanati li jintefqu fuq appoġġ ***għal-limitazzjoni tal-flussi*** ta'

rifuġjati f'pajjiżi terzi u fuq finanzjament imtejjeb għall-adeżjoni għall-Balkani tal-Punent bejn l-2024 u l-2027; jissottolinja wkoll li l-ħolqien tal-Faċilità għall-Ukrajna u l-appoġġ imsaħħaħ għall-Balkani tal-Punent se joħlqu wkoll spazju għal appoġġ finanzjarju akbar għall-Moldova ***fit-triq tagħha lejn l-adeżjoni***;

migrazzjoni u ***għaż-żamma tar-rifuġjati*** f'pajjiżi terzi u fuq finanzjament imtejjeb għall-adeżjoni għall-Balkani tal-Punent bejn l-2024 u l-2027; jissottolinja wkoll li l-ħolqien tal-Faċilità għall-Ukrajna u l-appoġġ imsaħħaħ għall-Balkani tal-Punent se joħlqu wkoll spazju għal appoġġ finanzjarju akbar għall-Moldova;

Or. en

Emenda 9
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9.a. Jagħti istruzzjonijiet lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex twettaq rieżami ta' nofs it-terminu tal-Faċilità qabel it-tmiem tal-2026;

Or. en

Emenda 10
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

11. Huwa jinsab iddiżappuntat ħafna li la r-riżerva fil-programm għall-Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali, u lanqas l-għajnuna umanitarja ma ġew rinfurzati bħala parti mir-reviżjoni tal-QFP u li, minkejja t-titjib, l-intestatura kollha kemm hi se tibqa' taħt pressjoni sinifikanti għall-bqija tal-perjodu tal-QFP minħabba s-sitwazzjoni ġeopolitika diffiċli u l-kombinazzjoni ta' kriżijiet globali; jistenna li l-ħtiġijiet ta' għajnuna umanitarja jibqgħu jaqbżu l-

11. ***Josserva*** li la r-riżerva fil-programm għall-Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali, u lanqas l-għajnuna umanitarja ma ġew rinfurzati bħala parti mir-reviżjoni tal-QFP u li, minkejja t-titjib, l-intestatura kollha kemm hi se tibqa' taħt pressjoni sinifikanti għall-bqija tal-perjodu tal-QFP minħabba s-sitwazzjoni ġeopolitika diffiċli u l-kombinazzjoni ta' kriżijiet globali; jistenna li l-ħtiġijiet ta' għajnuna umanitarja jibqgħu jaqbżu l-

ammonti bbaġitjati, u għalhekk għandu l-
ħsieb, li jimmonitorja bir-reqqa, u meta
meħtieġ jindirizza, dawk il-ħtiġijiet fil-
proċedura baġitarja annwali;

ammonti bbaġitjati, u għalhekk għandu l-
ħsieb, li jimmonitorja bir-reqqa, u meta
meħtieġ jindirizza, dawk il-ħtiġijiet fil-
proċedura baġitarja annwali;

Or. en

Emenda 11
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. Ifakkar li, skont ir-Regolament NDICI, il-fondi diżimpenjati għandhom jiġu impenjati mill-ġdid għal-linja tal-orijini baġitarja tagħhom; jenfasizza li d-deċiżjonijiet dwar ir-riallokazzjoni tal-fondi diżimpenjati jridu jirrispettaw il-bilanċ intern u d-distribuzzjoni bejn il-linji baġitarji previsti fir-Regolament NDICI; jisħaq li t-tqassim preċiż tal-fondi fil-linji baġitarji huwa deċiż esklużivament mill-awtorità baġitarja fil-proċedura baġitarja annwali, **u huwa determinat li jiżgura li l-UE tkompli tipprowdi appoġġ finanzjarju essenzjali u għajnuna għall-iżvilupp lin-Nofsinhar Globali**;

Emenda

12. Ifakkar li, skont ir-Regolament NDICI, il-fondi diżimpenjati għandhom jiġu impenjati mill-ġdid għal-linja tal-orijini baġitarja tagħhom; jenfasizza li d-deċiżjonijiet dwar ir-riallokazzjoni tal-fondi diżimpenjati jridu jirrispettaw il-bilanċ intern u d-distribuzzjoni bejn il-linji baġitarji previsti fir-Regolament NDICI; jisħaq li t-tqassim preċiż tal-fondi fil-linji baġitarji huwa deċiż esklużivament mill-awtorità baġitarja fil-proċedura baġitarja annwali;

Or. en

Emenda 12
Valentino Grant, Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Jissottolinja li l-appoġġ finanzjarju għall-pajjiżi terzi għandu jingħata permezz ta' programmi fl-Intestatura 6, li jiżguraw sorveljanza robusta u jiggarrantixxu l-prerogattivi tal-Parlament; jisħaq li l-użu tal-Faċilitajiet huwa l-aħħar għażla għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju; jenfasizza li l-mudell ta' governanza użat fil-Faċilità

Emenda

13. Jissottolinja li l-appoġġ finanzjarju għall-pajjiżi terzi għandu jingħata permezz ta' programmi fl-Intestatura 6, li jiżguraw sorveljanza robusta u jiggarrantixxu l-prerogattivi tal-Parlament; **jenfasizza li kwalunkwe għajnuna umanitarja jew għall-iżvilupp lil pajjiżi terzi trid tiġi pprovduta bil-kundizzjoni ta'**

għall-Ukrajna, b' mod partikolari fir-rigward tal-użu estensiv tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, huwa speċifiku għall-kuntest li fih se jopera, u għalhekk huwa eċċezzjonali u ma għandux jiġi rreplikat għall-ebda strument futur ta' dan it-tip;

kooperazzjoni bla xkiel fir-ripatrijazzjoni taċ-ċittadini tagħhom li qed jirrisjedu b' mod illegali fl-Unjoni Ewropea; jisħaq li l-użu tal-Faċilitajiet huwa l-aħħar għażla għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju; jenfasizza li l-mudell ta' governanza użat fil-Faċilità għall-Ukrajna, b' mod partikolari fir-rigward tal-użu estensiv tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, huwa speċifiku għall-kuntest li fih se jopera, u għalhekk huwa eċċezzjonali u ma għandux jiġi rreplikat għall-ebda strument futur ta' dan it-tip;

Or. en

Emenda 13
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

14. ***Jilqa' l-ammont*** ta' EUR 2 biljun addizzjonali fl-Intestatura 4 (migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri), li se jkun kruċjali fl-implimentazzjoni tal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u se jgħin biex tittaffa l-pressjoni fuq il-programmi u l-aġenziji deċentralizzati fl-intestatura;

Emenda

14. ***Jinsab diżappuntat ħafna mill-ammont*** ta' EUR 2 biljun addizzjonali fl-Intestatura 4 (migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri), li se jkun kruċjali fl-implimentazzjoni tal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u se jgħin biex tittaffa l-pressjoni fuq il-programmi u l-aġenziji deċentralizzati fl-intestatura;

Or. en

Emenda 14
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

17. ***Jilqa' t-tisħiħ*** tal-kapaċità ta' investment fid-difiża tal-Unjoni permezz tat-tisħiħ ta' EUR 1,5 biljun tal-Fond Ewropew għad-Difiża; jesprimi dispjaċir,

Emenda

17. ***Huwa diżappuntat ħafna mit-tisħiħ*** tal-kapaċità ta' investment fid-difiża tal-Unjoni permezz tat-tisħiħ ta' EUR 1,5 biljun tal-Fond Ewropew għad-

madankollu, għar-riżorsi addizzjonali limitati globali biex jiġu appoġġjati l-objettivi ta' STEP u n-nuqqas ta' finanzjament ġdid għall-programmi l-oħra, b'impatt negattiv konsegwenti fuq l-investimenti ekoloġiċi u diġitali;

Difiża, *peress li d-difiża tal-Unjoni hija ħolma impossibbli mixtieqa mill-Kummissjoni Ewropea iżda li trid tibqa' l-prerogattiva esklużiva tal-Istati Membri*; jesprimi dispjaċir, madankollu, għar-riżorsi addizzjonali limitati globali biex jiġu appoġġjati l-objettivi ta' STEP u n-nuqqas ta' finanzjament ġdid għall-programmi l-oħra, b'impatt negattiv konsegwenti fuq l-investimenti ekoloġiċi u diġitali;

Or. en

Emenda 15
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. **Jilqa' l-fatt** li l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill jistabbilixxi strument speċjali mhux limitat **minbarra** l-limiti massimi (l-istrument tal-EURI) biex ikopri mill-anqas parti min-nuqqas fil-kost tas-self tan-Next Generation EU, li se jipprovdi ċertezza lis-swieq finanzjarji; ifakkar li n-nuqqas bħalissa huwa stmat għal EUR 15-il biljun bejn l-2025 u l-2027; jissottolinja li, mingħajr reviżjoni tal-QFP, kwalunkwe nuqqas jista' jiġi ssodisfat biss billi jitnaqqsu l-programmi u tiġi eżawrita l-flessibbiltà baġitarja;

Emenda

18. **Jinsab diżappuntat ħafna mill-fatt** li l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill jistabbilixxi strument speċjali mhux limitat **lil hinn mil-limiti** massimi (l-istrument tal-EURI) biex ikopri mill-anqas parti min-nuqqas fil-kost tas-self tan-Next Generation EU, li se jipprovdi ċertezza lis-swieq finanzjarji; ifakkar li n-nuqqas bħalissa huwa stmat għal EUR 15-il biljun bejn l-2025 u l-2027; jissottolinja li, mingħajr reviżjoni tal-QFP, kwalunkwe nuqqas jista' jiġi ssodisfat biss billi jitnaqqsu l-programmi u tiġi eżawrita l-flessibbiltà baġitarja;

Or. en

Emenda 16
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

19. Jisħaq li l-kostijiet ta' ripagament tan-

Emenda

19. Jisħaq li l-kostijiet ta' ripagament tan-

Next Generation EU huma soġġetti għall-kundizzjonijiet tas-suq, influwenzati minn fatturi esterni, u b'hekk huma karatteristikament volatili u li r-ripagament tal-kostijiet tas-self huwa impenn legali mhux diskrezzjonali għall-Unjoni; itenni, għalhekk, li huwa ferm kontra li r-ripagament tal-kostijiet tas-self tan-Next Generation EU jiġi soġġett għal limitu massimu taħt instestatura tal-QFP fin-negozjati tal-QFP tal-2020; ***ifakkar li huwa argumenta ripetutament li l-kostijiet kollha tas-self tan-Next Generation EU għandhom jiġu kkunsidrati apparti l-limiti massimi tal-QFP bħala soluzzjoni strutturali komprensiva biex jiġu koperti l-kostijiet ta' ripagament tan-Next Generation EU, li żdiedu bħala riżultat taż-żieda fir-rati tal-imgħax, u fl-2023 u fl-2024 kienu jirrikjedu użu sostanzjali tal-flessibbiltà tal-baġit;***

Next Generation EU huma soġġetti għall-kundizzjonijiet tas-suq, influwenzati minn fatturi esterni, u b'hekk huma karatteristikament volatili u li r-ripagament tal-kostijiet tas-self huwa impenn legali mhux diskrezzjonali għall-Unjoni; itenni, għalhekk, ***it-talba tiegħu biex jieqaf is-self ħalli jiġu evitati spejjeż eċċessivi għall-pagamenti tal-imgħax, u jtenni li l-ebda strument ma għandu jmur lil hinn mill-limitu massimu tal-QFP biex il-prinċipji tal-unità u tal-akkuratezza baġitarja jiġu rispettati;***

Or. en

Emenda 17
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

24. Jindika ż-żieda fil-ħtiġijiet mill-bidu tal-QFP għall-għajnuna umanitarja u r-rispons ta' emerġenza ġewwa u barra l-Unjoni, u għall-appoġġ fir-rigward tad-diżastri naturali, li qed isiru aktar frekwenti u aktar intensi b'mod partikolari minħabba t-tibdil fil-klima; huwa konvint li tali ħtiġijiet x'aktarx li jikbru; jilqa', għalhekk, il-fatt li r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR) se tiżdied b'EUR 1,5 biljun għall-bqija tal-perjodu tal-QFP, għalkemm għadu mħasseb li, anke b'din iż-żieda, il-ħtiġijiet x'aktarx li ma jiġux issodisfati;

Emenda

24. Jindika ż-żieda fil-ħtiġijiet mill-bidu tal-QFP għall-għajnuna umanitarja u r-rispons ta' emerġenza ***fl-Unjoni***, u għall-appoġġ fir-rigward tad-diżastri naturali, li qed isiru aktar frekwenti u aktar intensi b'mod partikolari minħabba t-tibdil fil-klima; huwa konvint li tali ħtiġijiet x'aktarx li jikbru; jilqa', għalhekk, il-fatt li r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR) se tiżdied b'EUR 1,5 biljun għall-bqija tal-perjodu tal-QFP, għalkemm għadu mħasseb li, anke b'din iż-żieda, il-ħtiġijiet x'aktarx li ma jiġux issodisfati;

Emenda 18
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

25. Jilqa' wkoll li, f'konformità mal-pożizzjoni li ilha teżisti tal-Parlament, l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill jaqsam l-istrument f'żewġ partijiet - ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea għal diżastri naturali u emerġenzi tas-saħħa pubblika fl-ambitu tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza għal rispons rapidu għal emerġenzi fl-Unjoni ***u barra minnha***; iqis li din l-arkitettura riveduta se tiffaċilita l-implimentazzjoni;

Emenda

25. Jilqa' wkoll li, f'konformità mal-pożizzjoni li ilha teżisti tal-Parlament, l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill jaqsam l-istrument f'żewġ partijiet - ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea għal diżastri naturali u emerġenzi tas-saħħa pubblika fl-ambitu tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza għal rispons rapidu għal emerġenzi fl-Unjoni; iqis li din l-arkitettura riveduta se tiffaċilita l-implimentazzjoni;

Emenda 19
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

28. Jirrikonoxxi li, billi bejn l-2024 u l-2027 l-Istrument ta' Flessibilità jiżdied b'EUR 2 biljun, u billi jinħoloq l-istrument speċjali tal-EURI għall-qbiż tal-kost tas-self tan-Next Generation EU, l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill itaffi xi pressjoni fuq il-baġit; iqis, madankollu, li, minħabba l-loġika tal-passi li jwasslu għall-attivazzjoni tal-istrument speċjali l-ġdid u n-nuqqas fl-infiq amministrattiv minħabba l-inflazzjoni, iż-żieda hija fil-biċċa l-kbira allokata minn qabel; jibqa' mħasseb li, f'konformità max-xejriet tal-użu fis-snin bikrija tal-QFP, iż-żieda tista' ma toħloqx spazju baġitarju suffiċjenti biex l-Unjoni

Emenda

28. ***Jinnota*** li, billi bejn l-2024 u l-2027 l-Istrument ta' Flessibilità jiżdied b'EUR 2 biljun, u billi jinħoloq l-istrument speċjali tal-EURI għall-qbiż tal-kost tas-self tan-Next Generation EU, ***li jmur kontra l-prinċipji tal-unità u tal-akkuratezza baġitarja***, l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill itaffi xi pressjoni fuq il-baġit; ***jinnota li din mhijiex it-triq li għandha tiġi segwita, peress li huwa opportun li jinstabu modi kif jiġu ffrankati l-fondi billi jiġu indirizzati l-ostakli li jipprevjenu l-użu xieraq tal-baġit tal-Unjoni***; iqis, madankollu, li, minħabba l-loġika tal-passi li jwasslu għall-

tkun tista' twieġeb għal ċirkostanzi mhux previsti u għal ħtiġijiet emerġenti;

attivazzjoni tal-istrument speċjali l-ġdid u n-nuqqas fl-infiq amministrattiv minħabba l-inflazzjoni, iż-żieda hija fil-biċċa l-kbira allokata minn qabel; jibqa' mħasseb li, f'konformità max-xejriet tal-użu fis-snin bikrija tal-QFP, iż-żieda tista' ma toħloqx spazju baġitarju suffiċjenti biex l-Unjoni tkun tista' twieġeb għal ċirkostanzi mhux previsti u għal ħtiġijiet emerġenti, ***u dan għal darb'oħra jindikalna l-bżonn li nsibu modi biex niffrankaw il-flus billi nillimitaw l-infiq mhux neċessarju mill-istituzzjonijiet Ewropej;***

Or. en

Emenda 20
Valentino Grant, Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

33. Jesprimi dispjaċir, għalhekk, għall-fatt li l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill ma jadottax il-proposta tal-Parlament dwar it-tneħħija tal-limitu massimu annwali f'approprjazzjonijiet ta' pagament għar-rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku, li kien jelimina kwalunkwe riskju ta' kriżi ta' pagamenti;

Emenda

33. Jesprimi dispjaċir, għalhekk, għall-fatt li l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill ma jadottax il-proposta tal-Parlament dwar it-tneħħija tal-limitu massimu annwali f'approprjazzjonijiet ta' pagament għar-rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku, li kien jelimina kwalunkwe riskju ta' kriżi ta' pagamenti; ***ifakkar li żieda fil-limiti massimi tal-appropriazzjonijiet ta' pagament mhijiex awtomatikament korrelatata ma' kapaċità aħjar ta' assorbiment tal-baġit tal-UE; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li l-ammont ta' impenji pendenti (ammonti impenjati iżda li għadhom ma tħallsux) laħaq rekord ta' EUR 490 biljun fil-bidu tal-2024;***

Or. en

Emenda 21
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

33. **Jesprimi dispjaċir**, għalhekk, **għall-fatt** li l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill ma jadottax il-proposta tal-Parlament dwar it-tneħħija tal-limitu massimu annwali f'approprjazzjonijiet ta' pagament għar-rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku, li kien jelimina kwalunkwe riskju ta' kriżi ta' pagamenti;

Emenda

33. **Jilqa'**, għalhekk, **il-fatt** li l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill ma jadottax il-proposta tal-Parlament dwar it-tneħħija tal-limitu massimu annwali f'approprjazzjonijiet ta' pagament għar-rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku, li kien jelimina kwalunkwe riskju ta' kriżi ta' pagamenti, **iżda li jinkoraġġixxi l-istituzzjonijiet Ewropej ifittxu modi ġodda biex jiffrankaw il-flus;**

Or. en

Emenda 22

Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

37. Jiddeplora t-tnaqqis fil-programmi ewlenin fir-reviżjoni tal-QFP, speċjalment **għal dawk** imsaħħa speċifikament bħala parti mill-ftehim tal-QFP tal-2020;

Emenda

37. Jiddeplora t-tnaqqis fil-programmi ewlenin fir-reviżjoni tal-QFP, speċjalment **f'dawk** imsaħħa speċifikament bħala parti mill-ftehim tal-QFP tal-2020; **jinsab partikolarment imħasseb dwar il-messaġġi politiċi li dan it-tnaqqis jagħti dwar il-viżjoni tagħna għall-futur tal-Unjoni Ewropea u jitlob li dan jiġi rettifikat mill-aktar fis possibbli;**

Or. en

Emenda 23

Joachim Kuhs, Eric Minardi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

38. **Jesprimi dispjaċir kbir għat-tnaqqis** ta' EUR 2,1 biljun fil-pakkett finanzjarju

Emenda

38. **Jieħu nota tat-tnaqqis** ta' EUR 2,1 biljun fil-pakkett finanzjarju għal

għal Orizzont Ewropa, li jmur kontra l-objettiv iddikjarat mill-Kunsill stess li jinvesti 3 % tal-Prodott Domestiku Gross fir-riċerka u l-iżvilupp; jirrimarka, madankollu, li l-Parlament għen biex jittaffa l-impatt tat-tnaqqis f'Orizzont Ewropa billi għamel disponibbli EUR 100 miljun ta' diżimpenji ta' riċerka fl-ambitu tal-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju għall-benefiċċju tal-programm, minbarra l-ammont ta' EUR 500 miljun diġà miftiehem fl-2020; ifakkar li l-użu mill-ġdid tad-diżimpenji ta' riċerka huwa domanda tal-Parlament li ilha teżisti;

Orizzont Ewropa, li jmur kontra l-objettiv iddikjarat mill-Kunsill stess li jinvesti 3 % tal-Prodott Domestiku Gross fir-riċerka u l-iżvilupp; jirrimarka, madankollu, li l-Parlament għen biex jittaffa l-impatt tat-tnaqqis f'Orizzont Ewropa billi għamel disponibbli EUR 100 miljun ta' diżimpenji ta' riċerka fl-ambitu tal-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju għall-benefiċċju tal-programm, minbarra l-ammont ta' EUR 500 miljun diġà miftiehem fl-2020; ifakkar li l-użu mill-ġdid tad-diżimpenji ta' riċerka huwa domanda tal-Parlament li ilha teżisti;

Or. en

Emenda 24
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

38. Ifakkar ***fl-importanza tal-politiki*** tas-saħħa ***u l-impenn politiku ċar fil-ftehim tal-QFP tal-2020 biex tingħata prijorità lill-finanzjament tas-saħħa; jinsab, għalhekk, ferm iddiżappuntat bit-tnaqqis*** ta' EUR 1 biljun għall-programm l-UE għas-Saħħa; jikkunsidra li tali deċiżjoni ***x'aktarx timmina t-thejjja għal kwalunkwe pandemija ulterjuri u tillimita l-kapaċità tal-Unjoni li tappoġġja s-sistemi*** tas-saħħa pubblika; jirrimarka, madankollu, li, fuq talba tal-Parlament, il-profil tal-infiq tal-programm ġie adattat sabiex jittaffa l-impatt tat-tnaqqis fuq l-implimentazzjoni Prattika billi l-effett tat-tnaqqis jinfirx b'mod aktar uniformi fis-snin li jifdal;

Emenda

38. Ifakkar ***li l-politiki*** tas-saħħa ***huma esklussivament prerogattiva tal-Istati Membri; jilqa', għalhekk, it-tnaqqis*** ta' EUR 1 biljun għall-programm l-UE għas-Saħħa; jikkunsidra li tali deċiżjoni ***x'aktarx tinkoraġġixxi s-servizzi nazzjonali tas-saħħa jilhq u-potenzjal tagħhom u tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom fl-appoġġ tas-sistemi*** tas-saħħa pubblika; jirrimarka, madankollu, li, fuq talba tal-Parlament, il-profil tal-infiq tal-programm ġie adattat sabiex jittaffa l-impatt tat-tnaqqis fuq l-implimentazzjoni Prattika billi l-effett tat-tnaqqis jinfirx b'mod aktar uniformi fis-snin li jifdal;

Or. en

Emenda 25
Moritz Körner
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

40. *Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li l-pakketti nazzjonali allokatu minn qabel ma għandhomx jiġu aġġustati fir-reviżjoni tal-QFP; jilqa', għalhekk, id-deċiżjoni li l-pakketti nazzjonali allokatu minn qabel ma jintmessux u li ma jiġux ikkunsidrati fil-mekkaniżmu biex jiġi kopert in-nuqqas fil-kostijiet tas-self tan-Next Generation EU; jiddeplora, madankollu, it-tnaqqis fl-azzjonijiet ta' ġestjoni diretta fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni (-EUR 0,4 biljun) u l-Politika Agrikola Komuni (-EUR 0,7 biljun), u b'hekk jitnaqqas il-potenzjal u l-impatt sħiħ ta' dawk l-azzjonijiet;*

Emenda

40. *Jiġbed l-attenzjoni għad-diffikultajiet li jiffaċċjaw l-Istati Membri biex jassorbu l-finanzjament kollu tal-UE fil-ħin, speċjalment fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni; jilqa', għalhekk, it-tnaqqis fl-azzjonijiet ta' ġestjoni diretta fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni (-EUR 0,4 biljun) u l-Politika Agrikola Komuni (-EUR 0,7 biljun), bħala deċiżjoni prammatika biex jitnaqqas il-piż tal-kontribwenti fi żminijiet ta' inflazzjoni għolja;*

Or. en

Emenda 26
Jens Geier
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

41. *Jirrikonoxxi li kemm il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) kif ukoll ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR) ma kinux meħtieġa sa fejn kien antiċipat u li hemm lok biex jiġu aġġustati l-pakketti tagħhom; jikkunsidra li l-ammonti minn dawn l-istrumenti speċjali kellhom jerġgħu jintużaw għal skopijiet oħra fil-baġit, pereżempju biex jissaħħaħ l-Istrument ta' Flessibbiltà;*

Emenda

41. *Jirrikonoxxi li kemm il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) kif ukoll ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR) ma kinux meħtieġa sa fejn kien antiċipat u li hemm lok biex jiġu aġġustati l-pakketti tagħhom; jikkunsidra li l-ammonti minn dawn l-istrumenti speċjali kellhom jerġgħu jintużaw għal skopijiet oħra fil-baġit, pereżempju biex jissaħħaħ l-Istrument ta' Flessibbiltà; jinsisti li trid tiġi evitata s-sitwazzjoni fejn talba għal finanzjament permezz tal-FEG għal miżuri għall-ħaddiema li tilfu l-impjieġ tagħhom tiġi miċħuda jew ma tingħatax kompletament minħabba riżorsi baġitarji insuffiċjenti fil-pakkett tal-FEG f'sena partikolari; jistieden lill-Kummissjoni tħejji u tippubblika pjan ta' kontinġenza*

għal sitwazzjonijiet bħal dawn;

Or. en

Emenda 27
Joachim Kuhs, Eric Minardi
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

41. Jirrikonoxxi li kemm il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) kif ukoll ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR) ma kinux meħtieġa sa fejn kien antiċipat u li hemm lok biex jiġu aġġustati l-pakketti tagħhom; jikkunsidra li l-ammonti minn dawn l-istrumenti speċjali kellhom jergġu jintużaw għal skopijiet oħra fil-baġit, pereżempju biex jissaħħa l-Istrument ta' Flessibbiltà;

Emenda

41. Jirrikonoxxi li kemm il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) kif ukoll ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR) ma kinux meħtieġa sa fejn kien antiċipat u li hemm lok biex jiġu aġġustati l-pakketti tagħhom; jikkunsidra li l-ammonti minn dawn l-istrumenti speċjali kellhom jergġu jintużaw għal skopijiet oħra fil-baġit, pereżempju biex jissaħħa l-Istrument ta' Flessibbiltà; ***jenfasizza li avvenimenti bħal dawn juru għal darb' oħra l-ħolqien tal-fondi għal raġunijiet ideoloġiċi mill-Kummissjoni Ewropea, li mhux dejjem ikun ibbażat fuq domanda ċara u inkontestabbli;***

Or. en